

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv jallega li l-Kunsill wettaq żbalji ta' evalwazzjoni meta qies li kien ġie sodisfatt il-kriterju għall-inklużjoni tar-rikorrenti fl-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni u l-Artikolu 2(1) tar-regolament.
2. It-tieni motiv jallega li l-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni u l-Artikolu 2(1) tar-regolament huma illegali peress li (a) ma għandhom bażi legali valida u/jew (b) jiksru l-prinċipju ta' proporzjonalità.
3. It-tielet motiv jallega ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti taħt l-Artikolu 6, moqri flimkien mal-Artikoli 2 u 3 TEU u l-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u dan billi l-Kunsill assumu li l-proċeduri ġudizzjari fl-Eġittu kienu jikkonformaw mad-drittijiet fundamentali.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2018 – Hauzenberger vs EUIPO (TurboPerformance)

(Kawża T-349/18)

(2018/C 259/67)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Andreas Hauzenberger (Sinzing, il-Ġermanja) (rappreżentant: B. Bittner, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni li tinkludi l-element verbali "TurboPerformance" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 053 431

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta' April 2018 fil-Każ R 2206/2017-4

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2018 – Euronet Consulting vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-350/18)

(2018/C 259/68)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Euronet Consulting EEIG (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: P. Peeters u R. van Cleemput, avukati)